Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,866, 21 ta' Lulju, 1981
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XXVII ta' 1-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, Kap. 163.

ACT No. XXVII of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Electoral (Polling) Ordinance, Cap. 163.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

20 ta' Lulju, 1981

ATT Nru. XXVII ta' l-1981

ATT biex ikompli jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, Kap. 163.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Ordinanza Elettorali dwar il-Votazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "il-liġi prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali.

2. Fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 2 tal-liġi prinċipali, minnufih wara t-tifsira ta' "karta ta' l-identità" għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

"dokument għall-votazzjoni" tfisser id-dokument għall-votazzjoni li għandu jintbagħat lill-eletturi taħt l-artikolu 11 ta' dan l-Att;".

Emenda ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali.

3. Fis-subartikolu (b) ta' l-artikolu 10 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "il-ġranet" għandhom jidħlu l-kliem "il-ġurnata".

Emenda ta' l-artikolu 11 tal-liġi prinċipali.

4. L-artikolu 11 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Il-Kummissjonarji għandhom, f'xi żmien mhux aktar tard mill-ħmistax-il jum wara l-pubblikazzjoni tar-*Writ*, jibgħatu lil kull elettur li ismu jkun jidher fl-aħħar Reġistru Elettorali rivedut u li dwaru tkun inħarġet karta ta' l-identità li tkun għadha valida, dokument, f'dan l-Att imsejjaħ "doku-

ment għall-votazzjoni", skond il-forma u li jkun fih il-partikolaritajiet imsemmija fit-Tielet Skeda li tinsab ma' din l-Ordinanza, u jkun ta' dak il-materjal u magħmul b'dak il-mod kif fil-fehma tal-Kummissjonarji jipprovdi ħarsien biżżejjed kontra falsifikazzjoni:

Iżda kull meta l-Kummissjonarji jkunu sodisfatti li dak l-elettur ma jkunx għad għandu l-kwalifiki meħtieġa biex jivvota, dawn m'għandhomx jibagħtulu d-dokument għall-votazzjoni.";

(b) fis-subartikoli (2), (3), (4) u (5) tiegħu, minflok il-kliem "bl-avviż lill-elettur", kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem"bid-dokument għall-votazzjoni" u minflok il-kliem "l-avviż" kull fejn jinsabu x'imkien ieħor, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "id-dokument"; u

(ċ) fis-subartikolu (4) tiegħu, minflok il-kliem "l-ewwel jum tal-votazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "il-ġurnata ta' l-elezzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali.

5. Fis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 12 tal-liġi prinċipali —

(a) minflok il-kliem "l-ewwel ġurnata iffissata għall-votazzjoni" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "il-ġurnata ffissata għall-votazzjoni";

(b) minflok il-kliem "sebat ijiem tax-xogħol" għandhom jidħlu l-kliem "tnax-il jum tax-xogħol", u

(ċ) minflok il-kliem "ħamest ijiem tax-xogħol" jidħlu l-kliem "għaxart ijiem tax-xogħol".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali.

6. Minflok l-artikolu 18 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Postijiet u ħinijiet tal-votazzjoni.

18. (1) F'kull post ta' votazzjoni għandu jkun hemm lista tal-eletturi li jistgħu jivvutaw f'dak il-post ta' votazzjoni. Din il-lista tkun prova konkluživa biex turi jekk persuna tistax jew le tivvota f'dak il-post ta' votazzjoni.

(2) Il-votazzjoni għandha ssir f'jum li jkun is-Sibt. Il-votazzjoni għandha tibda fis-7 a.m. u tispiċċa fl-10.00 p.m.:

Iżda kull elettur illi fl-egħluq tal-votazzjoni jkun f'post ta' votazzjoni sabiex jivvota, għandu jedd li jirċievi l-polza tal-votazzjoni u li jivvota:

Iżda wkoll, meta l-Kummissjonarji jkunu sodisfatti li l-ħin tal-votazzjoni jkun tnaqqas jew ikun se jitnaqqas, għal xi raġunijiet li fuqhom ma jkollhomx kontroll fil-postijiet tal-votazzjoni kollha jew f'wieħed minnhom jew iktar, huma jistgħu jtawwlu l-ħin stabbilit għall-votazzjoni f'dak il-post jew f'dawk il-postijiet tal-votazzjoni sabiex jagħmlu tajjeb għall-imsemmi ħin mitluf.".

Emenda ta' l-artikolu 20 tal-liġi prinċipali.

7. Fl-artikolu 20 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "l-ewwel ġurnata iffissata għall-votazzjoni" għandhom jidħlu l-kliem "il-ġurnata ffissata għall-votazzjoni".

Emenda ta' l-artikolu 21 tal-liġi prinċipali.

8. L-artikolu 21 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(1) Kull elettur li jkun irid jivvota għandu jmur fil-post tal-votazzjoni speċifikat fid-dokument għall-votazzjoni li huwa jkun irċieva u għandu jikkonsenja dak id-dokument lil Assistent Kummissjonarju f'dak il-post tal-votazzjoni fil-ġurnata u matul il-ħinijiet stabbiliti għall-votazzjoni.";

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu —

(i) minflok il-kliem "l-avviż lill-eletturi" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "id-dokument għall-votazzjoni" u minflok il-kliem "l-avviż" kull fejn jinsabu x'imkien ieħor, għandhom jidħlu l-kliem "id-dokument"; u

(ii) wara l-kliem "dik il-persuna" żied il-kliem "(anke jekk fil-każ tiegħu ma tkunx inħarġet karta ta' l-identità li tkun għadha valida fiż-żmien imsemmi fl-artikolu 11 (1) ta' din l-Ordinanza)";

(ċ) minflok is-subartikolu (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Ebda persuna ma titħalla tivvota jekk ma tipproduċix u ma tikkonsenjax id-dokument għall-votazzjoni lill-Assistent Kummissjonarju.";

(d) minflok is-subartikolu (4) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Ma titħalla li ssir ebda investigazzjoni fil-waqt tal-votazzjoni dwar il-jedd ta' xi persuna li tivvota, sakemm isem dik il-persuna jkun jidher fil-lista msemmija fis-subartikolu (1) ta' l-artikolu 18 ta' din l-Ordinanza; iżda l-Assistenti Kummissjonarji jistgħu, qabel ma jagħtu l-polza tal-votazzjoni lil elettur, jagħmlulu dawk il-mistoqsijiet li jidhirlhom xierqa sabiex jissodisfaw ruħhom mill-identità ta' dak l-elettur.";

(e) fis-subartikolu (5) tiegħu, minflok il-kliem "ta' l-avviż imsemmi fis-subartikoli ta' qabel dan" għandhom jidħlu l-kliem "tad-dokument għall-votazzjoni, u wara li jkunu issodisfaw ruħhom mill-identità ta' l-elettur";

(f) fis-subartikolu (8) tiegħu, minnufih wara l-kliem "ta' l-artikolu 18 ta' din l-Ordinanza" għandhom jidħlu l-kliem "u li xort'oħra tissodisfa l-ħtiġiet ta' dan l-artikolu";

(ġ) minflok is-subartikolu (10) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(10) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ebda elettur ma jitħalla jivvota ħlief fil-post tal-votazzjoni speċifikat fid-dokument għall-votazzjoni ippreżentat minnu sabiex jivvota."; u

(ħ) is-subartikolu (11) tiegħu għandu jitħassar.

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 29 tal-liġi prinċipali.

9. Minflok l-artikolu 29 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Votazzjoni f'post tal-votazzjoni li ma jkunx speċifikat fid-dokument għall-elezzjoni.

29. (1) Il-Kummissjonarji, l-Assistenti Kummissjonarji, l-Uffiċjali tal-Pulizija u persuni oħra leġittimament inkarigati mill-esekuzzjoni ta' servizz f'post ta' votazzjoni, jistgħu jivvotaw f'dak il-post ta' votazzjoni li jiġi msemmi għal dan l-għan mill-Kummissjonarji.

(2) L-Assistenti Kummissjonarji u l-Uffiċjali tal-Pulizija inkarigati mill-esekuzzjoni ta' servizz f'post ta' votazzjoni għandhom jivvotaw kemm jista' jkun kmieni malli tibda l-votazzjoni,

(3) Il-kandidati għall-elezzjoni jistgħu jivvotaw f'wieħed mill-postijiet imsemmija għal dan l-għan mill-Kummissjonarji u li jkun qiegħed fid-distrett li għalih joħorġu għall-elezzjoni.

(4) Lista tal-persuni li għandhom il-jedd li jivvotaw f'post ta' votazzjoni skond id-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu għandha tinżamm f'dak il-post ta' votazzjoni.".

Tħassir ta' l-artikolu 30 tal-liġi prinċipali.

10. L-artikolu 30 tal-liġi prinċipali għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 31 tal-liġi prinċipali.

11. Minflok is-subartikoli (2) u (3) ta' l-artikolu 31 tal-liġi prinċipali għandhom jidħlu dawn li ġejjin:

"(2) L-Assistenti Kummissjonarji għandhom iqiegħdu d-dokumenti għall-votazzjoni kollha ikkunsinnati lilhom f'kaxxa u għandhom iqiegħdu l-poloz kollha tal-votazzjoni mhux użati jew imħassrin u n-noti kollha bil-miktub miżmumin minnhom skond id-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza f'pakkett, u għandhom jissiġillaw dik il-kaxxa u dak il-pakkett separatament u jikkunsinnawhom lill-Kummissjonarji flimkien mal-kaxex tal-voti.

(3) Il-kandidati għal elezzjoni jew l-aġenti tagħhom jistgħu jidħlu fil-post li fih ikunu qed jinżammu l-kaxex tal-voti sakemm jiġu biex jingħaddu l-voti, sabiex iwaħħlu s-siġill tagħhom fuq il-kaxex tal-voti u fuq il-kaxex u l-pakketti msemmija fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 45 tal-liġi prinċipali.

12. L-artikolu 45 tal-liġi prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "tliet mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "sitt mitt lira" u minflok il-kliem "erbgħin lira" għandhom jidħlu l-kliem "mitt lira"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "tliet mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "sitt mitt lira" u minflok il-kliem "elf u ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "tlett elef lira".

Emenda ta' l-artikolu 63 tal-liġi prinċipali.

13. Fl-artikolu 63 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "avviż lill-eletturi" kull fejn jinsabu, għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "dokument għall-votazzjoni".

Żieda ta' artikolu ġdid 65A mal-liġi prinċipali.

14. Minnufih wara l-artikolu 65 tal-liġi prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Projbizzjoni ta' wiri ta' kartelluni eċċ.

65A. (1) Ħlief kif provdut fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ebda persuna ma tista', f'xi żmien bil-ħsieb jew minħabba li tkun waslet elezzjoni, turi jew iġġiegħel li jintwera f'xi post pubbliku, jew f'xi post fejn fih jista' jidħol il-pubbliku jew li jkun jidher minn xi post pubbliku, xi avviż, kartellun jew reklam ieħor li hu maħsub biex jinfluwenza

jew li x'aktarx jinfluwenza lill-eletturi fil-votazzjoni tagħhom, jew tikteb jew tagħmel jew iġġiegħel li jinkiteb jew li jsiru fuq xi ħajt jew post ieħor li jkun jidher minn post pubbliku xi kelma jew sinjal maħsub biex jinfluwenza jew li x'aktarx jinfluwenza lill-eletturi fil-votazzjoni tagħhom.

(2) Id-disposizzjonijiet tal-lum ma japplikawx għal xi avviż, kartellun jew reklam ieħor li —

(a) ikun milbus jew jinġarr minn xi persuna; jew

(b) li jintwera fuq in-naħa ta' ġewwa ta' bini privat ukoll jekk dan ikun jidher minn post pubbliku.

(3) Kull persuna li tmur kontra xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu teħel meta tinsab ħatja dwar kull reat multa ta' mhux iżjed minn ħames mitt lira jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sitt xhur, u dwar it-tieni reat jew reat ieħor wara dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Ikun id-dmir tal-Pulizija li tneħħi jew xort'oħra tikkanċella jew tħassar kull ħaġa għall-wiri, miktuba jew magħmula bi ksur ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu.".

15. Minflok it-Tielet Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali għandha tidħol l-Iskeda li ġejja:

Sostituzzjoni tat-Tielet Skeda li tinsab mal-liġi prinċipali.

"IT-TIELET SKEDA

(Artikolu 11)

BIEX TIVVOTA

Numru tal-Karta ta' l-Identità	

(Isem u Indirizz)	(Ritratt)

TWELID (Meta)	(Sess)	

DISTRETT ELETTORALI (Numru)

Fejn Tivvota

Kummissjonarju Elettorali".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 523 tat-13 ta' Lulju, 1981.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati